SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

16 ta’ Marzu 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Netwerks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi – Id-Direttiva (UE) 2018/1972 – Artikolu 3 – Kundizzjonijiet stipulati ma’ awtorizzazzjoni ġenerali – Punt 4 tal-Parti A tal-Anness I – Awtorizzazzjoni tal-interċettazzjoni legali mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti – Artikolu 13 – Għanijiet ġenerali – Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tar-rimbors tal-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ta’ interċettazzjoni ordnati lill-operaturi ta’ telekomunikazzjonijiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji – Assenza ta’ mekkaniżmu ta’ rimbors sħiħ – Prinċipji ta’ nondiskriminazzjoni, ta’ proporzjonalità u ta’ trasparenza”

Fil-Kawża C-339/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tal-11 ta’ Mejju 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta’ Mejju 2021, fil-proċeduri

**Colt Technology Services SpA,**

**Wind Tre SpA,**

**Telecom Italia SpA,**

**Vodafone Italia SpA**

vs

**Ministero della Giustizia,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

**Ministero dell’ Economia e delle Finanze,**

**Procura Generale della Repubblica presso la Corte d’appello di Reggio Calabria,**

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Cagliari,**

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Roma,**

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Locri,**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

u

**Ministero della Giustizia,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

**Procura Generale della Repubblica presso la Corte d'appello di Reggio Calabria,**

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Cagliari,**

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Roma,**

vs

**Wind Tre SpA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, D. Gratsias, M. Ilešič (Relatur), I. Jarukaitis u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. M. Collins,

Reġistratur: C. Di Bella, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' Mejju 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Colt Technology Services SpA, minn F. Fioretti, M. Giustiniani u N. Moravia, avukati,

– għal Wind Tre SpA, minn B. Caravita di Toritto, S. Fiorucci u R. Santi, avukati

– għal Telecom Italia SpA, minn D. Gallo, G. Vercillo u A. Zoppini avukati,

– għal Vodafone Italia SpA, minn S. D'Ercole, N. Palombi u F. Pignatiello, avukati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn C. Colelli, G. Galluzzo u P. Gentili, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Malferrari u P. Messina, bħala aġenti,

wara li semgħet il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022,

tagħti l-preżenti

# Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18, 26, 49, 54 u 55 TFUE, tal-Artikoli 3 u 13 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU 2018, L 321, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2019, L 334, p. 164 u fil-ĠU 2020, L 419, p. 36), kif ukoll tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ diversi tilwimiet bejn, minn naħa, Colt Technology Services SpA, Wind Tre SpA, Telecom Italia SpA, u Vodafone Italia SpA (iktar ’il quddiem, flimkien, l-“Operaturi ta’ telekomunikazzjonijiet ikkonċernati”) kontra l-Ministero della Giustizia (il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Italja), il-Ministero dello Sviluppo economico (il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku, l-Italja) u l-Ministero dell’Economia e delle Finanze (il-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi, l-Italja), il-Procura Generale della Repubblica presso la Corte d’appello di Reggio Calabria (l-Uffiċċju Ġenerali tal-Prosekutur fil-Qorti tal-Appell ta’ Reggio Calabria, l-Italja),u l-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Cagliari (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta’ Cagliari, l-Italja,) u l-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Roma (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta’ Ruma, l-Italja), u l-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Locri (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta’ Locri, l-Italja) u, min-naħa l-oħra, il-Ministero della Giustizia (il-Ministeru tal-Ġustizzja), u l-Ministero dello Sviluppo economico (il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku), il-Procura Generale della Repubblica presso la Corte d’appello di Reggio Calabria (l-Uffiċċju Ġenerali tal-Prosekutur fil-Qorti tal-Appell ta’ Reggio Calabria), il-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Cagliari (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta’ Cagliari) u l-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Roma (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta’ Ruma) kontra Wind Tre, dwar leġiżlazzjoni nazzjonali li, permezz ta’ tariffa fissa annwali, tobbliga lill-operaturi kollha ta’ telekomunikazzjonijiet attivi fit-territorju nazzjonali li jipprovdu, fuq talba mill-awtoritajiet ġudizzjarji, servizzi ta’ interċettazzjoni ta’ telekomunikazzjonijiet.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Skont il-premessa 1 tad-Direttiva 2018/1972:

“Id-Direttivi […] 2002/20/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta’ Awtorizzazzjoni)(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337)], 2002/21/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349)] […] ġew emendati sostanzjalment. Ladarba għandhom isiru emendi ulterjuri, dawn id-Direttivi jenħtieġ li jerġgħu jiġu formulati fl-interessi taċ-ċarezza.”

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Objettivi ġenerali", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkunu qed jitwettqu l-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra jieħdu miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2. [...]

[...]

2. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra kif ukoll il-[Korp ta' Regulaturi Ewropej tal-Kommunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)], il-Kummissjoni [Ewropea] u l-Istati Membri għandhom jaħdmu għal kull wieħed minn dawn l-objettivi ġenerali li ġejjin, li mhumiex elenkati f'ordni ta' prijorità:

[...]

b) il-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-forniment ta' netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tal-faċilitajiet assoċjati, [...] u fil-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tas-servizzi assoċjati;

c) il-kontribut għall-iżvilupp tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakli li fadal, u jeħfiefu l-kondizzjonijiet konverġenti għal, l-investiment fi, u l-forniment ta', netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati, mal-Unjoni [Ewropea] kollha [...]".

5 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Awtorizzazzjoni ġenerali ta' netwerks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi", jipprevedi fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-libertà tal-forniment tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva."

6 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2018/1972, intitolat "Kondizzjonijiet stipulati mal-awtorizzazzjoni ġenerali u mad-drittijiet ta' użu għall-ispektrum tar-radju u għal riżorsi ta' numerazzjoni, u obbligi speċifiċi" huwa b'hekk ifformulat:

"1. "L-awtorizzazzjoni ġenerali għall-forniment tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u d-drittijiet ta' użu għall-ispektrum tar-radju u d-drittijiet tal-użu għan-numri jistgħu jkunu soġġetti għall-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness I. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom ikunu nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti.[...]

[...]

3. L-awtorizzazzjoni ġenerali għandu jkun fiha biss il-kondizzjonijiet speċifiċi għal dak is-settur u stabbiliti fit-Taqsimiet A, B u C Anness I u ma għandhiex tidduplika l-kondizzjonijiet li huma applikabbli għall-impriżi bis-saħħa ta' xi liġi nazzjonali oħra.

[...]"

7 L-Anness I ta' din id-direttiva jispeċifika, fil-Parti A tiegħu u skont it-titolu ta' din tal-aħħar, il-"Kondizzjonijiet ġenerali li jistgħu jiġi stipulati ma' awtorizzazzjoni ġenerali". Fost dawn hemm, fil-punt 4, il-kundizzjoni segwenti:

"Awtorizzazzjoni tal-interċettazzjoni legali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2),] u mad-Direttiva 2002/58/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514)]."

8 Skont l-Artikolu 125 tagħha, id-Direttiva 2018/1972 ħassret u ssostitwixxiet b'mod partikolari d-Direttiva 2002/20, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/20"), kif ukoll id-Direttiva 2002/21, kif kienet emendata bid-Direttiva 2009/140 (iktar 'il quddiem id- "Direttiva 2002/21"), b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, ir-riferimenti magħmula għad-Direttivi 2002/20 u 2002/21 li jinftiehmu bħala li saru għad-Direttiva 2018/1972 u bħala li kellhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness XIII ta' din l-aħħar direttiva.

### *Id-dritt Taljan*

9 L-Artikolu 28 tad-Decreto legislativo n. 259 – Codice delle comunicazioni elettroniche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 259, dwar il-Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi), tal-1 ta' Awwissu 2003 (GURI Nru 214, tal-15 ta' Settembru 2003, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi"), intitolat "Kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali u d-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri", fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtorizzazzjoni ġenerali għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u d-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju u d-drittijiet ta' użu għan-numri tista' tkun suġġetta biss għall-osservazzjoni tal-kondizzjonijiet elenkati rispettivament fit-taqsimiet A, B u Ċ tal-Anness 1." Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu non-diskriminatorji, proporzjonati u trasparenti u, fil-każ ta' drittijiet ta' użu tal-frekwenzi tar-radju, skont l-Artikolu 14 tal-Kodiċi. L-awtorizzazzjoni ġenerali hija dejjem suġġetta għall-kundizzjoni Nru 11 tal-Parti A tal-Anness 1."

10 L-imsemmi Anness 1 jinkludi lista eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu marbuta mal-awtorizzazzjonijiet ġenerali (Parti A), mad-drittijiet ta' użu tar-radjufrekwenzi (Parti B) u mad-drittijiet ta' użu tan-numri (parti C). Il-punt 11 tal-Parti A tal-istess anness jindika, b'mod partikolari, il-kundizzjoni li "jiġu żgurati s-servizzi għall-finijiet tal-ġustizzja, imsemmija fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi [tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi] mill-bidu tal-attività".

11 L-Artikolu 96 ta' dan il-kodiċi, bit-titolu "Servizzi Obbligatorji", jistabbilixxi li:

"(1) Servizzi għal skopijiet ġudizzjarji mwettqa abbażi ta' talbiet għal interċettazzjoni u informazzjoni magħmula mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu obbligatorji għall-operaturi; il-ħinijiet u l-metodi għandhom jiġu miftiehma ma' dawn l-awtoritajiet sakemm jiġi approvat id-digriet deskritt fil-paragrafu 2.

(2) Għall-finijiet tal-adozzjoni tal-imposta annwali fissa għas-servizzi obbligatorji deskritti fil-paragrafu 1, għandu jinħareġ digriet qabel il-31 ta' Diċembru 2017 mill-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u għall-Finanzi, biex tiġi implimentata r-reviżjoni tal-oġġetti fil-lista stabbilita fid-Digriet tal-Ministru għall-Komunikazzjoni tas-26 ta' April 2001, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Taljana Nru 104 tas-7 ta' Mejju 2001. Id-Digriet:

a) għandu jistabbilixxi t-tipi ta' servizzi obbligatorji u għandu jiddetermina r-rati korrispondenti, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni l-bidliet fl-ispejjeż u s-servizzi, sabiex jinkiseb iffrankar tal-ispejjeż ta' mill-inqas 50 % meta mqabbel mar-rati applikati. Ir-rata għandha tinkludi l-ispejjeż għas-servizzi kollha attivati jew użati simultanjament minn kull identità tan-network;

b) għandu jidentifika l-partijiet meħtieġa sabiex jitwettqu servizzi obbligatorji ta' interċettazzjoni, inkluż fost il-fornituri tas-servizzi, fejn l-infrastrutturi tagħhom jippermettu aċċess għan-network jew id-distribuzzjoni ta' informazzjoni jew kontenut ta' komunikazzjoni, u dawk li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew applikazzjonijiet fuq kwalunkwe bażi, anki jekk dawn jintużaw permezz ta' networks ta' aċċess jew ta' trasport mhux proprji;

c) għandu jistabbilixxi l-obbligi tal-partijiet meħtieġa sabiex jitwettqu servizzi obbligatorji u l-proċeduri għat-twettiq ta' dawn is-servizzi, inkluż il-konformità ma' proċeduri uniformi tal-IT fit-trażmissjoni u l-ġestjoni ta' komunikazzjonijiet amministrattivi, fir-rigward ukoll tal-istadji qabel il-ħlas ta' dawn is-servizzi.

[...]"

12 Konformement ma' dan l-Artikolu 96(2), is-servizzi obbligatorji pprovduti mill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet u t-tariffi korrispondenti ġew speċifikati mid-decreto interministeriale del Ministro della giustizia e del Ministro dello sviluppo economico di concerto con il Ministro dell'economia e delle finanze – Disposizione di riordino delle spese per le prestazioni obbligatorie di cui all'articolo 96 del decreto legislativo No 259 del 2003, (id-Digriet Interministerjali tal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku bi qbil mal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi, dwar Dispożizzjonijiet għar-riorganizzazzjoni tal-ispejjeż għas-servizzi obbligatorji msemmija fl-Artikolu 96 tad-Digriet-Liġi Nru 259/2003); tat-28 ta' Diċembru 2017 (Gazzetta ufficiale della Repubblica Italiana Nru 33 tad-9 ta' Frar 2018 iktar 'il quddiem id-"Digriet Interministerjali tat-28 ta' Diċembru 2017").

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

13 Skont id-dritt Taljan, b'mod partikolari l-Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet huma marbuta, fil-każ ta' talba mill-awtoritajiet ġudizzjarji, li jwettqu operazzjonijiet ta' interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet (vokali, informatika, telematiċi u ta' data), permezz ta' ħlas fiss annwali.

14 Fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom, l-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet ikkonċernati kellhom l-obbligu li jipprovdu tali operazzjonijiet ta' interċettazzjoni. B'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 96(2), l-ammonti li huma kienu jirċievu għal dan il-għan u li kienu ġew stabbiliti inizjalment permezz ta' digriet tal-Ministru tal-Komunikazzjonijiet tas-26 ta' April 2001 ġew emendati bid-digriet interministerjali tat-28 ta' Diċembru 2017.

15 Skont din id-dispożizzjoni, din l-emenda kienet tikkonsisti b'mod partikolari fi tnaqqis ta' mill-inqas 50 % tar-rimborsi tal-ispejjeż marbuta mal-imsemmija operazzjonijiet ta' interċettazzjoni.

16 L-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati talbu, permezz ta' rikorsi distinti ppreżentati quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio, l-Italja), l-annullament tad-Digriet Interministerjali tat-28 ta' Diċembru 2017, fejn allegaw li l-ħlasijiet li l-awtoritajiet Taljani għandhom jallokawlhom skont dan id-digriet ma jkoprux kompletament l-ispejjeż sostnuti sabiex jipprovdu s-servizzi obbligatorji relatati mal-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ordnata mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti.

17 Permezz tas-sentenzi Nri 4594/2019, 4596/2019, 4600/2019 u 4604/2019, tad-9 ta' April 2019, din il-qorti ċaħdet dawn ir-rikorsi minħabba li ma kienx ġie stabbilit li t-tariffi ffissati minn dan id-digriet ma kinux biżżejjed sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż sostnuti mill-operaturi fil-kuntest tat-twettiq tat-tranżazzjonijiet ta' interċettazzjoni.

18 L-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati kif ukoll, fir-rigward tas-sentenza Nru 4604/2019 li kienet laqgħet parzjalment ir-rikors ta' Wind Tre għal raġuni oħra, il-Ministeru għall-Ġustizzja, il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku, il-Prosekutur Ġenerali fi ħdan il-Qorti tal-Appell ta' Reggio Calabria, il-Prosekutur fi ħdan il-qorti ta' Cagliari u l-Prosekutur fi ħdan il-qorti ta' Ruma appellaw minn dawn is-sentenzi quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li huwa l-qorti tar-rinviju.

19 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2020, din il-qorti ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18, 26 kif ukoll 102 *et seq* TFUE. Peress li din it-talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din ġiet miċħuda, permezz ta' digriet tas-26 ta' Novembru 2020, Colt Technology Services *et* (C-318/20, mhux ippubblikat, EU:C:2020:969), bħala manifestament inammissibbli.

20 Wara li kompliet il-proċedura fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqis li għadha obbligata, fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-aħħar istanza, li terġa' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb interpretazzjoni eżatta tad-dritt tal-Unjoni rilevanti għall-finijiet tat-tilwim imressqa quddiemha.

21 F'dan ir-rigward, hija tindika li għandha dubji dwar ir-rabta bejn l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/1972 u ċerti regoli tad-dritt primarju tal-Unjoni.

22 Hija tippreċiża li l-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet ikkonċernati jsostnu quddiemha li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata, l-ewwel, twassal għal diskriminazzjoni bbażata fuq id-daqs tal-impriża, peress li l-impriżi ż-żgħar huma proporzjonalment inqas ippenalizzati mill-operaturi l-kbar, it-tieni, toħloq diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, peress li l-impriżi mhux stabbiliti fl-Italja huma ffavoriti meta mqabbla mal-operaturi stabbiliti fl-Italja, it-tielet, toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-livell tal-Unjoni, peress li tintroduċi ostakolu strutturali u indebitu għall-aċċess għas-suq Taljan għall-operaturi barranin, u r-raba', tikser id-dritt għall-eżerċizzju liberu ta' attività kummerċjali sa fejn twettaq esproprjazzjoni sostanzjali tal-kapaċitajiet imprenditorjali ta' operaturi ekonomiċi privati li hija sproporzjonata meta mqabbla mal-għan ta' interess ġenerali invokat.

23 Il-qorti tar-rinviju tirrileva madankollu li, skont l-Artikolu 13 u l-Anness I tad-Direttiva 2018/1972, l-awtorizzazzjoni ġenerali li tapplika għall-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tista' tiġi suġġetta mid-dritt nazzjonali għall-kundizzjoni tal-eżekuzzjoni tal-interċettazzjonijiet ordnati mill-awtoritajiet ġudizzjarji u li l-uniku limitu previst, b'mod ġenerali, f'dan l-Artikolu 13, huwa li l-kundizzjonijiet previsti jkunu nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti.

24 Għalhekk, hija tal-fehma li la d-dritt sekondarju tal-Unjoni rilevanti u lanqas il-prinċipji ġenerali tat-Trattat FUE li għalihom jirreferu l-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati ma jeżiġux ir-rimbors sħiħ tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-operaturi fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' tali interċettazzjonijiet u, għaldaqstant, li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix tali rimbors sħiħ u li, barra minn hekk, torbot ir-reviżjoni tar-rimborsi li jistgħu jingħataw ma' għan ta' tnaqqis tal-ispejjeż.

25 B'mod partikolari, hija tenfasizza li t-tariffi previsti b'mod ġenerali mill-Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi huma għal kollox komparabbli għall-operaturi kollha li joffru servizzi fl-Italja, li għandhom jiġu kkalkolati mill-amministrazzjoni billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm l-evoluzzjoni tal-ispejjeż, u tal-progress teknoloġiku li renda ċerti servizzi inqas onerużi, kif ukoll il-fatt li dawn is-servizzi jsegwu għanijiet li jaqgħu taħt interess pubbliku superjuri u jistgħu jiġu pprovduti biss mill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet, u li dawn it-tariffi huma pubbliċi. Il-kundizzjoni marbuta mal-awtorizzazzjoni ġenerali li jiġu pprovduti netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija għalhekk nondiskriminatorja, proporzjonata u trasparenti, konformement ma' dan l-Artikolu 13. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni minn qabel tar-riżorsi neċessarji għal tali interċettazzjonijiet tikkostitwixxi spiża intrinsika inevitabbli tal-attività kummerċjali li tikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, peress li l-provvista ta' tali servizzi hija, fl-istat attwali, suġġetta għal awtorizzazzjoni ġenerali u li din hija suġġetta għall-kundizzjoni kontenzjuża.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikoli 18, 26, 49, 54 u 55 TFUE, l-Artikoli 3 u 13 tad-Direttiva [2018/1972] kif ukoll l-Artikoli 16 u 52 tal-[Karta], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, meta tiddelega lill-awtorità amministrattiva l-funzjoni li tistabbilixxi l-kumpens li għandu jiġi rrikonoxxut lill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet għat-twettiq obbligatorju tal-attivitajiet ta' interċettazzjoni ta' flussi ta' komunikazzjoni ordnati mill-awtoritajiet ġudizzjarji, ma timponilhiex li jiġi osservat il-prinċipju tar-rimbors totali tal-ispejjeż effettivament sostnuti u debitament iddokumentati mill-operaturi fir-rigward ta' tali attivitajiet u, barra minn hekk, tobbliga lill-awtorità amministrattiva sabiex tnaqqas l-ispejjeż fir-rigward tal-kriterji msemmija iktar 'il fuq fil-qasam tal-kalkolu […] tal-kumpens?"

**Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

27 Il-Gvern Taljan jikkontesta l-ammissibilità tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Minn naħa, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat), billi ma wera ebda dubju raġonevoli dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dritt tal-Unjoni, uża l-mekkaniżmu għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE b'mod kuntrarju għal dak li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ippreċiżat reċentement fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u

Catania Multiservizi, (C-561/19, EU:C:2021:799). Min-naħa l-oħra, id-domanda magħmula hija ipotetika. Fil-fatt, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) ma pprovdiex l-elementi ta' fatt li minnhom jirriżulta li t-tariffi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni huma insuffiċjenti sabiex jitħallsu lill-operaturi. Issa, huwa biss fil-każ ta' tariffi mhux remunerattivi li d-domanda magħmula tkun rilevanti.

28 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, ċertament, qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu appellati fid-dritt intern tista', fl-osservanza tal-kundizzjonijiet imfakkra fil-punti 40 sa 46 tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799), tastjeni milli tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u ssolviha taħt ir-responsabbiltà tagħha stess meta l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tkun meħtieġa b'tali evidenza li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punti 39 u 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Madankollu, l-allegata kjarezza tar-risposti għad-domandi magħmula bl-ebda mod ma tipprojbixxi lill-qorti nazzjonali milli tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, UGT-Rioja *et*, C-428/06 sa C-434/06, EU:C:2008:488, punti 42 u 43).

30 Barra minn hekk, sa fejn il-Gvern Taljan isostni li d-domanda magħmula hija ipotetika peress li, fil-fehma tiegħu, hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li r-rimborsi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jippermettux li jiġu koperti l-ispejjeż effettivament sostnuti mill-operaturi kkonċernati, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' test tal-Unjoni abbażi tal-fatti li huma indikati lilha mill-qorti nazzjonali (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES, C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 85u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkontesta l-premessa fattwali li fuqha hija bbażata t-talba għal deċiżjoni preliminari.

31 B'hekk, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fuq talba mressqa minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, Climate Corporation Emissions Trading, C-641/21, EU:C:2022:842, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn id-domanda magħmula tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18, 26, 49, 54 u 55 TFUE kif ukoll tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, il-qorti tar-rinviju la ppreċiżat ir-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u lanqas ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn tal-aħħar u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawżi prinċipali, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli kemm għad-domanda magħmula sa fejn tirrigwarda dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, sa fejn tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/1972, it-talba għal deċiżjoni preliminari tippreċiża mhux

biss il-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti, iżda turi wkoll ir-raġunijiet li għalihom il-qorti tar-rinviju tistaqsi fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn dawn id-domandi u s-suġġett tal-kawża prinċipali, li barra minn hekk ir-realtà tagħha ma hijiex ikkontestata, tirriżulta b'mod ċar minn din it-talba.

33 Għaldaqstant, sa fejn tirrigwarda d-Direttiva 2018/1972, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

## Fuq id-domanda preliminari

34 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/1972. Madankollu, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawżi prinċipali kienet tittrasponi direttiva preċedenti għad-Direttiva 2018/1972, jiġifieri d-Direttiva 2002/20, u li din, konformement mal-Artikolu 125 tad-Direttiva 2018/1972, tħassret u ġiet issostitwita minn din tal-aħħar biss b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, jiġifieri wara l-adozzjoni tad-digriet interministerjali tat-28 ta' Diċembru 2017 u l-preżentata, mill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati, tar-rikors tagħhom quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio), intiża għall-annullament tiegħu.

35 Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata finalment li l-kawżi prinċipali jaqaw taħt id-Direttiva 2002/20, għandu jiġi indikat li r-risposta mogħtija f'din is-sentenza tidher li tista' tiġi trasposta għal dan l-att preċedenti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 1 tagħha, id-Direttiva 2018/1972 fasslet mill-ġdid b'mod partikolari l-erba' direttivi preċedenti, kif emendati, li kienu jirregolaw is-settur tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż tad-Direttiva 2002/20, mingħajr ma emendat, rilevanti għal din il-kawża, id-dispożizzjonijiet li l-interpretazzjoni tagħhom hija neċessarja sabiex jiġu riżolti l-kawżi prinċipali, kemm fir-rigward tal-formulazzjoni tagħhom, tal-kuntest tagħhom jew tal-għan tagħhom.

36 B'mod partikolari, l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 13(1) kif ukoll il-paragrafu (3), u l-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972 jirriproduċu, mingħajr tibdil fis-sustanza rilevanti f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet rispettivament, tal-Artikolu 6(1) u (3), kif ukoll il-punt 11 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2002/20.

37 Barra minn hekk, fost iż-żewġ dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/1972 imsemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domanda tagħha, huwa biss l-Artikolu 13 li jidher li huwa direttament rilevanti għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali, anki jekk l-analiżi tad-domanda għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, huwa l-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tagħha li jipprevedi l-kundizzjoni li magħha ġiet adottata l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

38 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3 u tal-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma timponix li jsir rimbors sħiħ tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta jiffaċilitaw l-interċettazzjoni legali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

39 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association, C-700/20, EU:C:2022:488, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għandu jitfakkar li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2018/1972 tipprevedi li l-awtorizzazzjoni ġenerali li tapplika għall-provvista ta' netwerks jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tista' tkun suġġetta biss għall-kundizzjonijiet elenkati fl-Anness I ta' din id-direttiva, peress li t-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni tippreċiża li dawn il-kundizzjonijiet huma nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti. Il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jippreċiża, barra minn hekk, li l-awtorizzazzjoni ġenerali tinkludi biss il-kundizzjonijiet li huma speċifiċi għas-settur ikkonċernat u li huma msemmija fil-Partijiet A, sa C tal-Anness I tal-imsemmija direttiva. Fost dawn il-kundizzjonijiet, hemm, fil-punt 4 ta' din il-Parti A, li telenka l-kundizzjonijiet ġenerali li għalihom tista' tkun suġġetta tali awtorizzazzjoni ġenerali, il-kundizzjoni tal-faċilitazzjoni tal-interċettazzjoni legali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

41 Mill-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li, lil hinn mill-obbligu, għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jissuġġettaw l-awtorizzazzjoni ġenerali li tapplika għall-provvista ta' netwerks jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għall-kundizzjoni li tinsab fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972, li jimponu din il-kundizzjoni b'mod nondiskriminatorju, proporzjonat u trasparenti, il-leġiżlatur tal-Unjoni la impona u lanqas eskluda r-rimbors, mill-Istati Membri kkonċernati, tal-ispejjeż li jiġu sostnuti mill-impriżi kkonċernati meta jiffaċilitaw l-interċettazzjoni legali skont ma din il-kundizzjoni tipprevedi.

42 Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' preċiżjoni f'dan ir-rigward fid-Direttiva 2018/1972, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam. Konsegwentement, l-Artikolu 13 u l-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tiegħu ma jistgħux jinqraw fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jidhru li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu r-rimbors, *a fortiori* sħiħ, ta' dawn l-ispejjeż eventwali.

43 Dan il-qari tal-imsemmija dispożizzjonijiet huwa sostnut kemm mill-kuntest li jagħmlu parti minnu kif ukoll mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2018/1972. B'mod partikolari, minn naħa, jekk l-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva — li tirriproduċi l-kontenut tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/20 — tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-libertà li jiġu pprovduti netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din il-libertà tista' tiġi eżerċitata biss taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija direttiva. Għaldaqstant, minn dan ma jistax jirriżulta obbligu ta' rimbors impost fuq l-Istati Membri, fis-sens allegat mill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet ikkonċernati.

44 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li tali obbligu lanqas ma jista' jiġi dedott mill-għanijiet ġenerali li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2018/1972, li fit-twettiq tagħhom l-Istati Membri huma, permezz tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra, obbligati li jiżguraw. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-għan ta' promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, previst f'dan l-Artikolu 3(2)(b) u ta' dak tal-iżvilupp tas-suq intern, previst f'din l-istess dispożizzjoni (c), u li qabel kienu jinsabu, essenzjalment, fl-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 2002/21. Fil-fatt, il-formulazzjoni tagħhom ma turi ebda rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jillimita l-marġni ta'

diskrezzjoni tal-Istati Membri, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kundizzjoni prevista fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972, lil hinn mir-rekwiżiti mfakkra fil-punti 41 u 42 ta' din is-sentenza.

45 B'hekk, peress li dan il-marġni ta' diskrezzjoni għandu jiġi eżerċitat fl-osservanza tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' proporzjonalità u ta' trasparenza, huwa neċessarju, sabiex l-Artikolu 13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3 u l-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma timponix li jsir ir-rimbors sħiħ tal-ispejjeż li effettivament jidhru li jiġu sostnuti mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta jiffaċilitaw l-interċettazzjoni legali ta' dawn il-komunikazzjonijiet elettroniċi, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li din il-leġiżlazzjoni tkun konformi ma' dawn il-prinċipji.

46 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, l-ewwel, ir-rimborsi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-kundizzjoni ta' ffaċilitar tal-interċezzjoni legali, li l-awtorizzazzjoni ġenerali tagħhom hija akkumpanjata fl-Italja u li l-konformità tagħhom mad-Direttiva 2018/1972 ma hijiex ikkontestata, huma paragunabbli għall-operaturi kollha li joffru servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Italja, peress li r-rimborsi huma previsti abbażi ta' tariffi fissi unitarji, stabbiliti skont it-tip ta' provvista ta' interċezzjoni mwettqa.

47 It-tieni, kif indikat il-qorti tar-rinviju, dawn it-tariffi għandhom, skont il-leġiżlazzjoni Taljana applikabbli, jiġu kkalkolati mill-amministrazzjoni billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-progress teknoloġiku tas-settur li rrenda ċerti servizzi inqas onerużi, kif ukoll tal-fatt li dawn is-servizzi huma essenzjali sabiex jintlaħqu għanijiet ġenerali li jaqgħu taħt interess pubbliku superjuri u li jistgħu jiġu pprovduti biss mill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet.

48 It-tielet, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li, konformement ma' din l-istess leġiżlazzjoni, dawn it-tariffi huma ffissati permezz ta' att amministrattiv formali, li huwa ppubblikat u liberament kontestabbli.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn tipprevedi r-rimborsi inkwistjoni, hija effettivament nondiskriminatorja, proporzjonata u trasparenti, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

50 Barra minn hekk, peress li din il-qorti tistaqsi wkoll dwar il-possibbiltà, għal Stat Membru li ppreveda r-rimbors tal-ispejjeż sostnuti mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta, skont id-Direttiva 2018/1972, jiffaċilitaw l-interċezzjoni legali, inaqqsu, bil-għan ta' tnaqqis tal-ispejjeż pubbliċi, il-livell tar-rimborsi mogħtija preċedentement, għandu jingħad ukoll li, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxut lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-kundizzjoni prevista fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I ta' din id-direttiva, din tal-aħħar ma tistax tipprekludi tali tnaqqis, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hija nondiskriminatorja, proporzjonata u trasparenti.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3 u tal-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2018/1972 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma timponix ir-rimbors sħiħ tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta jiffaċilitaw l-interċettazzjoni legali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta din il-leġiżlazzjoni tkun nondiskriminatorja, proporzjonata u trasparenti.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3 u tal-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma timponix ir-rimbors sħiħ tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta jiffaċilitaw l-interċettazzjoni legali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta din il-leġiżlazzjoni tkun nondiskriminatorja, proporzjonata u trasparenti.**

Firem